**KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

TAS-SLIEMA

**TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 58

Is-sitta u ħamsin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 20 ta' Marzu 2023 fis-6pm ġo sala ġewwa Piazetta.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi-Sindku |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | Tony Galea | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Vivian Galea Pace | Kunsilliera |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċjal Prinċipali |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18:15:*
*58.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 56 u 57;*
*58.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*58.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri*
*58.5 Rapporti*
*58.6 Items Oħra ;*
*58.7 Audited Financial Statements 2021;*
*58.8 Management Letter 2021*
*58.9 Baġit 2023*
*58.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*58.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*58.12 Mozzjonijiet ;*
*58.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

## 58.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

58.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kunsillier D.Muscat talab biex ikun skużat.

## 58.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 56 U 57

58.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Minuti nru. 56 intbagħtu u għandom jiġu meħuda bħala moqrija. Il-kunsillier E.Borg ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier A.Galea issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu u l-Minuti jiġu approvati. *Approvazzjoni tal-Minuti 56*

58.2.2 B'referenza għal punt 56.2.3 is-Sindku qal illi Bolt bagħtu is-site plans u l-kunsilliera għandom jagħtu l-feedback wara li dawn jiġu provduti lilhom *Bolt scooters*

58.2.3 B'referenza għal punt 56.3.6 is-Sindku għamel referenza għal suġġeriment li resqet il-kunsilliera V.Galea Pace sabiex isir attivita wara li jitlestew ix-xogħolijiet fil-Playing Field ta' Exiles. Hu, flimkien mall-Viċi Sinkdu fakkru li qed isir 'refurbish' u m'hemmx għalfejn attivita. Il-kunsillier J.Dougall qal illi hemm bzonn isir xi ħaġa zgħira. Wara diskusjoni kien hemm qbil illi ssir promozzjoni tax-xogħolijiet fuq il-paġna ta' Facebook. *Scooters*

58.2.4 B'referenza għal punt 56.5.1 is-Sindku qal għamel referenza għal emajl li waslet qabel il-laqgħa mill-Contracts Manager fejn qal illi ma bagħatx rapporti għalhiex il-Kunsill ma kienx qed jagħti każ ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu u kienu qegħdin jħallu l-affarijiet

għaddejjin u b'hekk ir-rapporti spiċċaw copy u paste. Is-Sindku qal illi l-Kunsill għandu jara jekk jieħu r-rakkomandazzjonijiet u jiġu enforzati u mhix skuza biex ma jintbagħtux rapporti.

58.2.5 B'referenza għal punt 56.6.1 is-Sindku qal illi x-xogħol inbeda u kwazi lest. Issuġerixxa li meta jkun hemm iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Sliema Wanderers fit-22 ta' April tiġi inawgurata bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet. Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li ssir fl-istess ġimgħa izda mhux dakinhar stess. Kien hemm qbil. *Monument ta' Tony Nicholl*

**Fis-18:30 waslet il-kunsilliera V.Galea Pace**

58.2.6 B'referenza għal punt 56.6.20 is-Sindku ssuġerixxa li l-Kunsill tiftaħ sat-3pm matul is-sena ħlief għax-xahar ta' Awwissu. *Ħinjiet tal-Kunsill*

**Il-Viċi Sindku talab illi jkun skużat fis-18:40. Fl-istess ħin daħal il-kunsillier K.Wain**

58.2.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Minuti nru. 57 intbagħtu u għandom jiġu meħuda bħala moqrija. Il-kunsillier D.Soler ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier A.Galea issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu u l-Minuti jiġu approvati. *Approvazzjoni tal-Minuti nru 57*

**58.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

58.3.1 Is-Sindku informa li hemm €13,000 għal proġetti sportivi/kulturali mingħand ir-Reġjun u ssuġerixxa li €4,000 imorru għall-attivita ta' Sliema Wanderers bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-promozzjoni tagħhom li se ssir fit-22 ta' April. Kien hemm qbil unanimu

58.3.2 Is-Sindku informa li l-fondi tar-Reġjun huma maqsumin hekk:

€3,000 marbuta mall-European Region of Sports
€13,000 marbutin ma' proġetti sportivi/kulturali
€35,000 fejn ippropona li dawn jiġu intużati sabiex isir proġett ta' tisbieħ ġewwa Pjazza Sant' Anna.

58.3.3 Is-Sindku qal illi waslu tlett stimi għall-għażliet differenti dwar it-tip ta' intervent li għanda ssir fuq il-monument ta' Bisazza u kien hemm qbil illi mmorru għall-izjed waħda irħisa li tikkonsisti bi 'epoxy resin composition'

58.3.4 Dwar l-istess proġett ta' Bisazza s-Sindku ssuġerixxa li jsiru bankijiet tal-lava fejn mall-faċċata ssir riklam ta' sponsors illi jingħataw. Ippropona wkoll illi jkun hemm tema, bħal per eżempju fuq il-wiċċ ikun hemm artisti Slimiżi.

**Il-Viċi Sindku daħal lura fis-19:15**

**58.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA**

58.4.1 Ma kien hemm l-ebda rapport għad-diskussjoni.

**58.5 RAPPORTI**

58.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapport.

**58.6 ITEMS OĦRA**

58.6.1 Il-kunsilliera V.Galea Pace qalet staqsiet min approva li l-bankijiet taż-żona magħrufa bħala Taormina jsiru griżi. Is-Sindku qal illi kien ta l-approvazzjoni lil MTA.

**Il-kunsillier P.Radmilli daħal fis-19:30**

58.6.2 Il-kunsillier J.Dougall staqsa x'se jiġri rigward id-dawl ta' Tigne. Is-Sindku qal għandom isiru izda hemm problema għalhiex minn taħt hemm kollox spiċċut.

58.6.3 Is-Sindku għaraf lis-Segretarju Eżekuttiv biex javza lil IM li l-island li hemm fejn il-tlett siġriet ma jsirx intervent fuqha meta jaslu biex jagħmlu x-xogħolijiet hemmhekk.

58.6.4 Il-kunsilliera V.Galea Pace qalet illi hemm bzonn ta' sapports itwal għas-siġriet ta' Dingli str.

58.6.5 Il-kunsillier J.Dougall qal illi hemm bzonn isir pressjoni sabiex titneħħa l-hoarding fejn qed isir il-ferry landing. Is-Sindku qal għandom ikunu lesti sas-sajf.

58.6.6 Il-kunsillier J.Dougall qal illi qed jitħalla imbarazz fejn il-Bring In Site tax-Xatt. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi l-Kunsill ma kienx qabel illi nħallsu l-internet għas-sorveljanza.

58.6.7 Is-Sindku qal illi talab lill-President tar-Reġjun biex isir laqgħa bejn is-Sindki u l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart. Qal ukoll illi l-kuntrattur qed jibda tard kull nhar ta' Sibt u għandu jibda fil-ħin. Il-Viċi Sindku staqsa jekk se ssir il-ġabra ta' nhar ta' Ħadd fis-sajf. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat it-talba lir-Reġjun, izda qal illi peress illi l-iskop kienet sabiex ikun hemm skeda simili għal kull lokalita, jista jkun illi ma tingħatax permess. Qal illi hu avza lid-DLG illi hemm Legal Notice dwar din il-ġabra.
Il-Viċi Sindku qal illi jekk ma tinġabarx nhar ta' Ħadd jara li jaqbilna li s-servizz tibda izjed tard nhar is-Sibt.

56.6.8 Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li jsiru bankijiet bħal dawk illi hemm fejn il-bus stops fejn kienet tieqaf tal-linja nru 60 fl-antik fl-area ta' Savoy..

58.6.9 Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li fondi tar-Reġjun jintużaw għas-CD li għanda ssir bejn il-baned kollha. Is-Sindku qal aħjar jintużaw għall-affarijiet oħra u s-CD isir mill-Kunsill Lokali.

58.6.10 Il-Viċi Sindku fakkar dwar l-audio book. Se jiltaqa mas-Segretarju Eżekuttiv, kif ukoll mall-publisher.

58.6.11 Il-kunsillier K.Wain qal illi hemm drenaġġ ġewwa Ġnien Independenza li qed tidħol ġl-baħar. Is-Sindku qal illi għadu mhux magħruf jekk hux drenaġġ izda qegħdin isiru testijiet.

58.6.12 Is-Sindku qal illi hemm problema bi pompa ġewwa Għar id-Dud u ħadd ma jrid jerfa responsabbilta fuqha. Issuġerixxa li tinxtara pompa mill-Kunsill u nitolbu assistenza mill-awtoritajiet oħra biex isir manutenzjoni.

58.6.13 Is-Sindku qal hemm blata kbira li għanda titneħħa mill-bajja ta' Qui Si Sana. Se jara ma IM kif din tista titneħħa.

58.6.14 Is-Sindku qal hemm ħofra fuq il-Promenade illi ħolqot periklu. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi snin ilu sar studju fuq din il-parti tal-Promenade li taqa' fuq għar id-Dud u għar il-Lembi u kien hemm kunsillier dak iż-żmien illi ta' spiss talab koppja tar-rapprt tagħha.
Il-kunsillier P.Radmilli staqsa x'sar mid-deċiżjoni sabiex isir konferenza stampa dwar il-pontoons. Is-Sindku qal illi peress illi kien hemm ta' Steward's kien hemm bzonn illi nsibu ġurnata oħra sabiex isir għax l-impatt kienet tintilef.

58.6.15 Il-kunsillier P.Radmilli staqsa jekk irċevejna risposta lura mingħand il-Ministeru tal-Finanzji, rigward it-talba għall-allokazzjoni aħjar biex nieħdu ħsieb Pjazza Annużjata, kif ukoll mingħand il-Ministeru tal-Ekonomija dwar il-kontijiet tal-ARMS. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċevejna l-ebda risposti. Il-kunsillier P.Radmilli talab illi jintbagħtu reminders b'emajl.

58.6.16 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waslu tlett stimi sabiex inkomplu nużaw servizz ta' kumpanija biex jieħdu ħsieb il-paġni tal-meżżi soċjali tal-Kunsill. Il-Kunsill approva l-irħas stima.

58.6.17 Il-kunsillier J.Dougall staqsa dwar il-possibilita li ssir elenku tal-proġetti li qegħdin isiru u x'progress sar fuqhom.

58.6.18 Il-Viċi Sindku qal illi fetħu l-lattrini pubbliċi taħt l-għasa izda hu anqas kien jaf. Talab illi ssir promozzjoni tax-xogħol illi sar.

58.6.19 Il-kunsillier W.Vella Baldacchino qal illi Bulletproof avviċinawħ dwar il-possibilita li l-Kunsill jagħti No Objection sabiex ikun hemm ftit siti fejn jitħallew kayaks illi jinkrew għall-pubbliku. Kien hemm qbil.

58.6.20 Il-kunsillier W.Vella Baldacchino qal illi l-opening tal-Outdoor Gym se tkun fil-23 ta' April u l-apparat se jibda jeħel matul il-ġimgħa.

## 58.7 AUDITED FINANCIAL STATEMENTS

58.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjegazzjoni illi ma kien hemm l-ebda audit adjustments bejn l-Unaudited Financial Statements li ġew approvati fil-laqgħa nhar id-19 ta' Lulju 2022 u l-Audited Financial Statements. Ta paragun taż-żewġ dokumenti kif ukoll il-bidliet zgħar illi kien hemm.

Is-Sindku qal illi jixtieq illi l-accountant jiġi jiddiskuti d-dokument. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi peress illi ma hemm l-ebda audit adjustments għal Unaudited Financial Statements, l-accountant qal illi m'hemmx għalfejn ikun preżenti għalhiex teknikament diġa hemm qbil mill-Kunsill fuq id-dokument.
Wara diskussjoni kien hemm qbil illi tinżamm laqgħa nhar il-Tlieta 28 ta' Marzu flimkien mall-accountant.

**Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għaddew tlett sigħat. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa titkompla.**

58.7.2 Flimkien mall-Financial Statements, il-Management Letter u Reply, kif ukoll il-baġit 2021 se jiġu diskussi fil-laqgħa ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Marzu u b'hekk il-laqgħa tkompliet bl-Aġenda item 58.10.

**58.10** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI/SOTTO KUMITATI**

58.10.1 Ma kien hemm l-ebda rapport

**58.11** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

58.11.1 Is-Sindku talab illi ssir studju dwar kemm nirċievu fondi għall-bozzoz tad-dawl u kemm qegħdin nonfqu issa li għandna kuntrattur għal rasna..

58.11.2 Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-Contracts Manager jista jibgħat rapport ġimgħa ġimgħa minflok ma jkun hemm waħda fl-aħħar tax-xahar u inzommu l-pagament la ma tintbagħatx. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi hemm kuntratt ġdid li għanda tiġi evalwat u għandna nibda b'dak it-tender, izda fil-fratemp bit-tender antik dan għandu 20 siegħa fil-ġimgħa li jinkludi ħin għar-rapporti.
Il-kunsillier P.Radmilli qal għandna nħallsu sakemm jibgħat ir-rapporti.

58.11.3 Il-pagament għall-ARMS ma ġewx approvati

58.11.4 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tlett kwotazzjonijiet ghal *updates* fuq *social media* għal sitt xhur. L-irħass

waħda kienet dik tal-Fly Media. Kien hemm qbil li jigi approvat dan il-pagament fis-seduta ta' llum.

58.11.5 Il-kunsillier E.Borg ippropona li l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata.
Il-kunsillier D.Soler issekondaħ.
Kien hemm qbil unanimu.

**58.12** **MOZZJONIJIET**

58.12.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

**58.13** **TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

58.13.1 Is-Seduta ntemmet fl-22:10. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tnejn 17 t'April 2023.

Minuti approvati llum 17 t'April 2023

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **John Pillow** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |